Decizzjoni Numru 1743

Kaz Numru 2288/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Raymond Micallef

U

Marina San Gorg Limited
(C – 4852)
Dwar Allegazzjoni ta' tkeccija mill-impjieg li hi ingusta

Illum 6 ta' Novembru 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni tal-kaz li gieipprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali datat 31 ta' Mejju 2005 minn Josef Bugeja Taqsima Ospitalita u ikel tal-General Workers Union kif ukol mill-Avukat Marvic Debarro fejn talbet illi dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u jiddeciedi dwar jekk ir-raguini tat-tkeccija hija wahda valida skond il-Ligi.

Raymond Micallef maghruf bhala l-appellant kien assistit minn Dr. Marvic Debarro u ghall-Marina San Gorg Limited deher l-Avukat Dr. Vanessa Borg.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li kien ilu jahdem mas-socjeta appellata ghal madwar tmien snin u kien jaghmel xoghol ta' cleaner. Fil-20 ta' April 2005 kien qiegħed xoghol inaddaf u ha pakkett tal-ice tea li kien hemm sitta u poggiehom fil-locker tieghu. Meta gie tas-security l-istess appellant kien stqarr li hu kien ha l-ice tea u poggieh

fil-locker tieghu. Ftit wra l-incident l-appelant kien tkecca pero minghajr ma gie mahtur Bord li seta' jisma l-kaz.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li waqfet lill-appellanti mix-xoghol tieghu peress li hu stess kien ammetta li seraq dawn l-ice tea u ghalhekk ma kien hemm ebda bzonn li jitqabbad Bord.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi u l-ewwel xhud kien Domnic Attard li jahdem mas-socjeta appellate bhala Group Secutity Manager. Hu xehed illi il-bartender ta' Café 24 sabet xi ice tea nieqes u infurmat lis-security. Wara investigazzjon iirrizulta illi l-ice tea kien hadhom Raymond Micallef. Haga stramba hi li l-bar tender irrapurtat li kien hemm nieqes ice tea coolee Peach waqt li Raymond Micallef iħstablu ice tea lemon. Xehed ukoll Emanuel Cilia li huwa impjegat bhala security mas-socjeta appellat fejn qal li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu u irrizulta illi fil-locker ta' Raymond Micallef sabu ice tea u l-istess Raymond Micallef ammetta li kien ha l-ice tea u ffirma stqarrija f'dan is-sens.

Xehed ukoll Joe Dimech li hu d-direttur tal-Human Resources Manager tal-Corinthia Hotels Limited fejn qal li gie infurmat bil-kas minn Josef Bugeja Segretarju tal-Union u beda jinvestiga l-kas. Minhabba c-cirkostanzi li kienu li l-istess Raymond Micallef ammetta li kien seraq l-ice tea, li ghalhekk kien kas serju skond l-ftehiem kollettiv ghalhekk ma kienx hemm triq ohra hlief li jkeccieh. Ghall-ewwel kien sospiz u wara gie imkecci. Jiddikjara ukoll illi fl-investigazzjonijiet hu ma dahalx u d-decizzjoni ttiehdet mill-management u hu indorsja. Jiddikjara ukoll illi kien hemm xi kas simili pero c-cirkostanzi kienu xi ftit differenti.

Xehedet Charimaine Mizzi li tahdem fil-cafe 24 bhala waitress u meta fethet il-cafettaria hi sabet pakkett ta' ice tea nieqes u ghamlet rapport lis-superjuri taghha

Xehed Mario Debatista fejn qal li huwa jahdem bhala Hotel Manager mal-Corinthia fejn assista fl-investigazzonijiet tas-serq ta' pakkett ta' ice tea u qal li d-decizzjoini tat-tkeccija hadha hu ibbazata fuq il-fatt li

Raymond Micallef kien ammetta il-kaz u ma marx conciliation ghax conciliation irid ikun hemm qbil bejn iz-zewg partijiet li qedghin jiftehmu kif ukoll minhabba l-fatt li kien hemm ammissjoni cara u ghalhekk saret it-tkeccija.

Xehed ukoll Raymond Miccallef fejn qal li kien jahdem ghal tmien snin u xogholu kien ta' labourer/cleaner u kien inaddaf il-hwienet, restaurants u terrazzini. Ammetta li kien ha pakkett tal-ice tea u li kien instab fil-locker tieghu u mal-ewwel gie sospiz. Wara xi tlett gimghat kien infurmat li huwa imkecci, Hu qatt ma kellu warnings.

Xehed Josef Bugeja lli huwa s-segraetaju tat-Taqsima Ospitalita u ikel fil-GWU. Hu qal li huwa dahal fil-kas meta Raymond Micallef kien gja sospiz. Kien qieghed jikkonetsta l-piena meta f'daqqa wahda gie infurmat li Raymond Micallef tkecca. Il-Panel qatt ma gie mahtur.

Xehedet Romina Paçe li hija il-Human Resource Manager tal-Corinthia San Gorg u Corintha Marina fejn qalet li ma kellhiex involvement dirett pero kienet involuta fd-decizzjoni tat-tkeccija. Peress li l-kas kien car u Raymond Micallef ammetta ma kienx hemm bzonn ta' aktar investigazzjoni u minkejja li l-Union tablet ghal Tribunal Intern din ma giex accetta

Xehed ukoll Joe Dimech li qal li kien hemm xi kas ta' misappropjazzjoni imma kienet cajta.

Xehed ukoll Joseph Grima li kien s-segretarju tat-Taqsima Ospitalita u ikel tal-GWU meta kien hemm il-kaz tal-misappropjazzjoni tal-gelat. Hu spejga li gelat iccaqlaq minn postu u l-kaz kien zghir u ghalhekkk hadd ma tkecca.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u evalwa d-dokuemti estenzivi li gew prodotti u x-xhieda kollha li xehdu fil-kas.

It-Tribunal ra ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi t-Tribunal jibda biex jghid illi jinnota li Raymond Micallef kien ammetta mal-ewwel li hu kien il-persuna li ha l-ice tea minn Café 24 u kien iffirma dikjarazzjoni maghmula mill-princpal fejn ammetta l-involviment tieghu u ghalhekk ghar-rigward htija t-Tribunal ser jieqaf hemm.

Il-punti li fuqhom trid issir decizzjoni huma s-segwenti:

1. Jekk il-procedura uzata mill-management tal-kumpanija Marina San Gorg Limited kien skond il-ftehiem kolletiv

2. Jekk il-pieni hija dik adekwata

Illi bhala fatt Raymond Micallef ma kienx assistit waqt il-laqgha mal-management. Dan kemm minhabba l-fatt li s-shop steward ma kienx xoghol dik il-gurnata kemm minhabba l-fatt li l-management ghalkemm saqsa lill-appellant jekk irid xi ghajnuna u qal li ma riedx. Ghalkemm it-Tribunal ma jabqilx mal-fatt li Raymond Micallef ma kienx assissit pero minhabba c-cirkostanzi tal-kas jigifieri li dak in-nhar ma kienx hemm s-shop steward fuq ix-xoghol il-management ma jistax joqghod jistenna u ghalhekk it-Tribunal ihoss li ma kienx hemm nuqqas da parte tal-management. Kien ikun ahjar jekk fl-istqarrija ta' Raymond Micallef kien jitnizzel illi ma riedx li jkun rapprezentat jew assistit.

Huwa fatt ukoll illi ghalkemm hemm qbil fuq il-htija ma kienx hemmx qbil fuq il-piena u l-GWU baqghet tinsisti mal-management fuq dan il-punt.

It-Tribunal ihoss illi l-management kien gustifikat li ma jlaqqax il-Bord intern u dan minhabba l-fatt illi l-kas kien komplut meta l-istess Raymond Micallef kien ammetta dak li kien ghamel u ghalhekk il-mertu gie ezawrit. It-Tribunal pero jistenna illi f'kazijiet bhal dawn isiru diskussjonijiet u laqghat bejn il-management u l-Union appuntu fuq il-passi dixxiplinarji li jistghu jittiehdu.

Hawn hemm mankament qawwi u nuqqas serju da parte tal-management u tas-socjeta Marina San Gorg Limited. Wiehed jista jifhem illi l-kumpanija Marina San Gorg Limited hija kumpanija kbira

pero qatt ma jista jintnesa illi kull impjegat huwa individju u ghandu d-drittijiet tieghu u ghandu dritt li jigi trattat bhal kull individu iehor. It-Tribunal ghalhekk jistenna illi messu kien hemm aktar kooperazzjoni da parte tal-management mal-union. It-Tribunal qieghed jaghmilha cara illii sfortunatament ma jistax jinponi xi multa jew jikkastiga lill-Marina San Gorg Limited minhabba l-agir tieghu pero qieghed jaghmilha cara u ppubblika illi ma jaqbilx kif mexa il-management f'dan il-kas ghar-rigward dan li ghadu kif intqal.

It-Tribunal ukoll ipprova jimmedja f'dan il-kas pero wara li ra l-insistenza tal-Marina San Gorg Limited li ma kienx flessibbli u baqghu rigidi sal-ahhar biex jzommu mad-decizzjoni taghhom li jitkecca Raymond Micallef It-Tribunal kellu jieqaf hemm.

F'dan il-kaz it-Tribunal ghandu idejh marbutin u peress li fil-ftehiem kollettiv hemm stipulat illi f'kazijiet ta' serq timmerita it-tkeccia u kemm minhabba l-fatt illi fil-ftehiem kollettiv ma jaghmilx distinzjoni bejn serq zghir, serq kbir jew serq aggravat kif effettivament jaghmel per ezempju l-Kodici Kriminali kellu jieqaf hemm ukoll. Forsi il-ftehim kollettiv tal-futur jistghu jidhlu f'dan id-dettalji.

It-Tribunal pero ma jistax ma jikkomentax u jghid illi xorta ihoss illi f'dan il-kas il-management mexa b'id rigida tenut kont tal-fatti li Raymond Micallef qatt ma kellu warnings, qatt ma insterqu affarijiet ohra millcafe 24 u kien impjegat ezemplari tant li kien nominat ghal haddiem tas-sena fil-kumpanija kif ukoll ghal fatt li kien hemm kaz simili pero mhux identiku u l-haddiema ma tilfux ix-xoghol taghhom kif ukoll minhabba l-fatt li ammetta mal-ewwel. It-Tribunal jifhem ukoll pero illi l-management ma jistax jaghmel ecccezzjonijiet.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements, dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Marina San Gorg Limited kellha ragun talli tkecci lill-impjegat Raymnd Micallef minhabba ragunijiet tajba u bizzejjed.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Vincent Micallef
Segretarju